**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017**

**Appell Nru: 62/2016**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**John Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant John Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 3468G akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> nhar il-11 u t-12 ta' Novembru 2011, minn ġewwa fond li jinsab fi Triq Mons Luiġi Vella, Rabat, Għawdex u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-gżejjer, f'ħinijiet differenti;
>
> 1. Ikkommetta serq ta' mutur (winch tal-ġebel) liema serq huwa aggravat bil-ħin, lok, u valur liema valur ma jammontax għal aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Carmel Attard u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġuna ħsara volontarja fil-propjeta' ta' Mons. Dr. Joseph Vella Gauci liema ħsara tammonta għal aktar minn mija u sittax–il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda ma taqbiżx l-elf mija u erbgħa u sittin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (1,164.69) u dan għad-detriment tal-istess Mons. Dr. Joseph Vella Gauci;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi sabiex jeżerċita' dritt li jippretendi li għandu fixkel lil Mons. Dr. Joseph Vella Gauci fil-pussess ta' ħwejġu u ħatt bini kif ukoll b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkommetta vjolazzjoni ta' propjeta' għad-dannu tas-sid Mons. Dr. Joseph Vella Gauci;

5. U aktar talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta u Għawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Jannar, 2015, fejn il-Qorti:

wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u cioe' l-Artikoli 17, 49, 50, 261, 267, 269, 270, 284, 325(1), 340 (d) u 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat li lill-imputat John Vella ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda ta' serqa sempliċi mingħajr il-kwalifiki ndikati fl-Artikolu 261, tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u l-ħames (5) akkuża.

Illikwidat *arbitrio boni viri* d-danni favur il-kwerelant fl-ammont ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€575.00) u għażlet li timponi piena li tikkomprendi ordni ta' ħlas.

Ikkundannatu dwar t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) akkużi multa komplessiva ta' elf ewro (€1000) u dwar l-ewwel (1) imputazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u ordnatlu sabiex fi żmien xahar mid-data tas-sentenza jħallas s-somma ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€575.00) lill-kwerelant

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata u jekk ma jħallasx is-somma ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€575.00) lill-kwerelant fiż-żmien lilu mogħti.

Finalment, il-Qorti obbligat lill-ħati sabiex sat-13 ta' Marzu 2016 jerġa' jneħħi l-inkonvenjent lamentat u ċioe' li jagħti aċċess għat-terrazzin lill-kwerelant fuq penali ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) ammenda għal kull jum ta' nuqqas skont l-Artikolu 377 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' John Vella ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**5.** Il-fatti allegati tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

Għall-ħabta tat-8.15 am fit-12 ta' Novembru 2011 sar rapport l-għassa tal-pulizija r-Rabat Għawdex li kien hemm vettura li kienet qed tagħlaq l-aċċess għall-bieb tal-fond 8 fi Triq Mons. Luigi Vella ir-Rabat, proprjeta' ta' Rev. Fr. Joseph Vella Gauci li jiġi taħt il-fond numru 10 fl-istess triq, proprjeta' ta' John Vella. Ir-rapport kien jgħid ukoll li kienu daħlu xi ħaddiema fil-fond bin-numru 8 fl-istess triq u meta l-pulizija marru fuq il-post sabu li kienu tneħħew tlett filati tal-opramorta ta' fuq il-bejt/terrazzin u li allegatament kienu tneħħew mill-imputat appellant fil-preżenza ta' ibnu. Ġie rappurtat ukoll li fil-fond numru 8 kien hemm mutur ta' ċertu Carmel Attard li kien nsteraq. Carmel Attard, li kien il-bennej li kien qiegħed jagħmel xi xogħol tal-ġebel fil-post, informa lill-pulizija li l-mutur kien rah fuq il-post il-lejl ta' qabel. Meta l-pulizija kellmu lill-imputat appellant John Vella fit-12 ta' Novembru għall-ħabta

tas-1.40 pm dan ċaħad li fil-lejl ta' qabel kien resaq lejn il-fond numru 8 u ċaħad ukoll li huwa biss kellu aċċess għall-mutur. Huwa sostna li s-sidien stess tal-post numru 8 kellhom ukoll aċċess għall-mutur li darba li ddaħħal fil-fond mill-fond stess seta' jinħareġ biss mill-istess fond u ma setax jinħareġ mill-fond tiegħu bin-numru 10 li jiġi fuq il-fond numru 8. Żied jgħid li fil-fond ta' isfel, u ċioe' dak bin-numru 8, wieħed seta' jidħol u joħroġ kif irid għaliex il-fond ma kienx jinżamm maqful u kien bejt ma' bejt ma' postijiet oħra. Huwa allega li l-mutur ħadu Carmel Attard stess għaliex kien ġia pprova jieħdu iżda huwa ma ħalliehx għaliex kien hemm mandat fuq il-post.

**6.** L-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti.

**7.** Fl-ewwel lok jissottometti li ma ġietx ippreżentata l-aħjar prova u ma ġiex eliminat kull element ta' dubju li jimmilita favur l-imputat u konsegwentement l-ewwel qorti ma setgħetx tasal għall-konvinzjoni morali u eventwalment ħtija fil-konfront ta' l-imputat tar-reati addebitati lilu u f'dan il-kuntest jagħmel riferenza għall-provi u jissenjala fost oħrajn:

(a) id-dubju li l-provi jħallu partikolarment dwar il-ġranet li fihom ġara l-għemil inkriminat fl-imputazzjonijiet meta r-Rev Mons. Joseph Vella Gauci in kontroeżami u Fr. John Meilak fix-xhieda u fl-affidavit tiegħu jgħidu li l-ġurnata kienet il-Ħadd mentri d-dati msemmija fl-imputazzjoni jirrigwardaw il-Ġimgħa u s-Sibt;

(b) jgħid li fil-ħin tal-allegati reati kien qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija;

(c) ma nġibitx prova sodisfaċenti li fil-ħin relevanti kien biss l-imputat li kellu aċċess għall-fond in kwistjoni għaliex di fatti l-istess fond huwa aċċessibbli faċilment kemm mill-propjetà tal-parte civile kif ukoll minn

bnadi oħra mill-propjetajiet adjaċjenti u għalhekk isegwi li l-grad tal-prova meħtieġa fil-kamp kriminali ma ġiex sodisfatt u s-sejbien tal-ħtija ta' l-imputat ma jistax jiġi addebitat lill-istess imputat;

(d) ma saritx l-aħjar prova tal-valur tal-ħsarat.

**8.** <u>Fit-tieni lok</u> l-appellant jagħmel referenza għall-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jissenjala li l-ewwel qorti naqset milli tindika l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'referenza għat-tielet (3) imputazzjoni u li konsegwentement is-sentenza appellata għandha tiġi dikjarata nulla f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu;

**9.** <u>Fit-tielet lok</u> l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma daħlitx fl-elementi tar-reat ta' raggionfattasi u li kieku għamlet dan kien jirriżultalha li jeżistu l-elementi tal-prinċipju *vim vi repellere licet* apparti li l-opramorta li suppost ħatt għadha hemm u minn imkien ma rriżulta li huwa kellu xi trakk jew li kien imbarra xi bieb biex jostakola lil xi ħadd. Finalment jsostni li dak ordnat mill-Qorti jikkontradiċi dak ritenut mill-Qorti li huwa kien ħatt l-opramorta (meta l-istess opramorta għadha eżistenti) u fl-istess ħin ordnatlu jneħħi l-inkonvenjent lamentat apparti mill-fatt li jmur ukoll kontra dak li effettivament ġie inibit milli jagħmel permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 57/2011 fl-ismijiet Rev. Mons. Dr. Joseph Vella Gauci vs John u Helen konjuġi Vella, li bih l-intimat qua appellant ġie inibit milli 'jagħmlu xi xogħol hu x'inhu'. Inoltre jsostni li din il-Qorti ma tistax tagħti drittijiet legali ċivili li jinsabu mertu ta' proċeduri ċivili, kif qed tippretendi li tagħmel il-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

**10.** Il-Qorti hi tal-fehma li qabel kollox għandha tikkunsidra t-tieni aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata. Permezz ta' dan l-

aggravju l-appellant a tenur tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata għar-rigward is-sejbien ta' ħtija tat-tielet imputazzjoni ta' *raggion fattasi* għaliex jgħid li l-artikolu relevanti u ċioe' l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex ċitat fis-sentenza appelata.

**11.** L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> "**382.** Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Għalhekk dak li jirrikjedi l-artikolu invokat mill-appellant huwa li fis-sentenza l-qorti għandha ssemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat. Fis-sentenza appellata, meta kienet qiegħda tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tielet imputazzjoni, u ċioe' proprju dik ta' *raggion fattasi*, proprju fl-intestatura tal-parti relevanti tas-sentenza, l-Qorti espliċitament semmiet l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li testwalment iċċitat l-istess artikolu għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwaru u kkonkludiet li t-tielet imputazzjoni kienet ġiet sodisfaċentement pruvata fil-konfront tal-imputat appellant. B'hekk il-vot tal-liġi ġie pienament sodisfatt. Huwa veru li fil-parti finali tas-sentenza taħt l-intestatura "Decide" l-ewwel qorti ma rrepetitx l-artikolu 85 fost l-artikoli tal-liġi ċitati iżda l-liġi ma tesiġix li l-artikolu relevanti għandu jiġi ċitat f'xi parti partikolari tas-sentenza u huwa biżżejjed li l-qorti ċċitat l-istess artikolu fil-kors tad-deliberazzjonjiet tagħha dwar it-tielet imputazzjoni li ġew konklużi bis-sejbien ta' ħtija tal-istess imputazzjoni. B'hekk, li hu dak li trid il-liġi, l-Qorti wriet li r-reat li tiegħu kienet qed issib lill-imputat ħati kien wieħed li kjarament jemana minn dispożizzjoni tal-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ta' legalita' tant fondamentali fid-dritt penali. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**12.** L-ewwel u t-tielet aggravji sostanzjalment jilmentaw mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti għalkemm fit-tielet aggravju jsir ukoll xi riliev ta' natura legali u għalhekk dawn l-aggravji ser jiġu trattati flimkien.

**13.** Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**14.** In kwantu għall-imputazzjoni ta' serq ta' mutur jew *winch* tal-ġebel dan jirriżulta li fil-11 ta' Novembru 2011 kien tħalla mill-bennej Carmel Attard fuq il-bejt/terrazzin fl-indirizz 8, Triq Mons Luiġi Vella, Rabat fejn kien qiegħed jagħmel xi xogħolijiet fuq inkarigu tar-Rev Mons. Joseph Vella Gauci iżda 'l għada sabu nieqes minn fejn ħallieh. Il-bejt/terrazzin huwa aċċessibbli mill-fond numru 8 stess ta' Mons. Vella Gauci billi wieħed jitla' b'sellum għal fuq speċi ta' taraġ li jagħtu għall-bejt iżda l-imputat appellant kien jippretendi li l-bejt kien proprjeta' tiegħu. Il-jum qabel dak li fih nstab nieqes il-mutur Carmel Attard ried ineħħi l-mutur iżda l-imputat ma ħalliehx.

**15.** L-imputat ċaħad li huwa kien ħa l-mutur ta' Carmel Attard minn fuq il-bejt u ċaħad li hu biss kellu aċċess għall-mutur u sostna li l-mutur kien għamlu f'postu Carmel Attard stess billi aċċeda għall-bejt mill-fond tal-Mons. Vella Gauci u li għalhekk kien evidenti li l-mutur kien aċċessibbli mill-fond imsemmi u seta' jinħareġ bl-istes mod. Huwa sostna li l-mutur kien ħadu Attard stess kif kellu l-ħsieb jagħmel il-jum ta' qabel u kien hu li ma ħalliehx. Huwa sostna li l-mutur seta' jinħareġ biss minn fejn daħal u ċioe mill-fond tal-Mons. Vella Gauci u li s-serqa kienet

biss montatura sabiex il-Mons. Vella Gauci u Carmel Attard jevadu l-effetti tal-mandat li nħareġ fuq il-post.

**16.** L-uniċi provi prodotti li jistgħu jinċidu fuq l-imputazzjoni ta' serq tal-mutur huma unikament ċirkostanzjali kif anki jidher mis-sentenza appellata. Din il-qorti, iżda, hi tal-fehma li l-indizji ċirkostanzjali ma humiex tali li jwasslu sabiex l-imputat jinstab ħati tad-delitt in kwistjoni mingħajr dubbju dettat mir-raġuni. Biex il-provi ċirkostanzjali jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija jridu jkunu tant elokwenti li l-interpretazzjoni loġika u naturali tagħhom neċessarjament u raġjonevolment twassal għall-prova fi grad sodisfaċenti ta' dawk il-fatti li jifformaw l-elementi tar-reat imputat. Ċioe' jridu jkunu univoċi u mhux ekwivoċi.

**17.** Din il-Qorti tiddikjara mill-ewwel li hi sodisfatta li l-fatti mertu tal-imputazzjonijiet kollha ġraw kif jingħad fl-imputazzjonijiet fil-11 u t-12 ta' Novembru 2011 peress li dan jirriżulta kjarament mill-okkorrenza tar-rapport tal-inċident[1], mix-xhieda ta' PS 1407 Frank Portelli[2] li rċieva u rrediġa r-rapport, mill-istqarrija tal-imputat stess[3], mix-xhieda tal-Mons. Joseph Vella Gauci[4] u mix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone[5]. Għalhekk inutili li d-difiża tipprova toħloq dubbju fejn dubbju ma hemmx billi taqbad ma' dak li qal il-Mons. Vella Gauci in kontroeżami erbgħa snin wara l-fatt (minħabba l-mal prassi li d-difiża titħalla tirriserva l-kontroeżami li imbgħad isir snin wara) għaliex semma l-ġurnata tal-Ħadd flok tas-Sibt. Daqstant inutili huwa l-isforz tad-difiża fl-istess direzzjoni billi taqbad ma dak li qal ir-Rev John Meilak f'affidavit li għamel tlett snin wara l-fatt għaliex semma Ottubru 2011 u l-ġurnata tal-Ħadd[6] kif semma li kienet il-Ħadd anki meta xehed preċedentement

[1] Fol 70
[2] Fol 64
[3] Fol 82
[4] Fol 95
[5] Fol 110
[6] Fol 167

f'Novembru 2012[7]. Di fatti din il-Qorti għandha d-dubbji serji tagħha dwar kemm il-fatti li dwarhom Rev. John Meilak irrakkonta bil-ġurament quddiem l-ewwel Qorti, sena wara l-fatti mertu tal-imputazzjonijiet odjerni u li rripeta fl-affidavit tiegħu tlett snin wara, jirrigwardaw dak li ġara fid-dati msemmija fl-imputazzjoni. B' danakollu, l-provi dokumentali kontemporanji mal-fatti mertu tal-imputazzjonijiet *de quo* u dawk testimonjali żmien qasir wara l- istess fatti, u li għalihom ġia rriferiet il-Qorti, ma jħallux l-iċken dubbju dwar il-ġranet li fihom ġraw il-fatti inkriminati u ċioe fil-11 u 12 ta' Novembru 2011.

**18.** Anki jekk, għalissa għall-grazzja tal-argument, jittieħed bħala pruvat, kif irriteniet l-ewwel qorti, li 'l għada tal-inċident l-imputat aċċeda għall-bejt/terrazin in kwistjoni minn fejn insteraq il-mutur sabiex ħatt l-opramorta dan kollu ġara 'l għada li l-mutur tħalla fil-fond. L-ewwel Qorti aċċennat ukoll għall-fatt li l-imputat għalaq l-aċċess għall-bieb tad-dar numru 8, Triq Mons Luiġi Vella, Rabat iżda dan ukoll ġara 'l għada li l-mutur tħalla fil-fond. Li l-mutur nstab nieqes 'l għada, iżda, ma jfissirx li l-mutur ittieħed 'l għada għaliex dan seta' ġara fi kwalunkwe ħin bejn li tħalla fuq il-post sakemm ġie skopert nieqes 'l għada, u ma jirriżulta ebda riskontru oġġettiv li jorbot lill-imputat mal-post minn fejn ittieħed il-mutur f'dan il-perjodu. Ma rriżulta xejn li raġionevolment jeskludi li ħaddiehor f'dan il-perjodu aċċeda għall-fond numru 8 u ħa l-mutur.

**19.** Li l-bejt jew terrazzin kien aċċessibbli mill-fond stess numru 8 irriżulta ampjament u l-alternattiva li ġab 'il quddiem l-imputat li l-mutur seta ħadu l-proprjetarju tal-mutur Carmel Vella wkoll ma ġiex eskluż u ma hux xenarju irraġionevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Daltronde rriżulta wkoll mix-xhieda tal-imputat, konfermata anki minn Carmel Attard stess, li dan ta' l-aħħar wera li kien anzjuż sabiex jieħu lura l-mutur minkejja, u forsi minħabba, l-mandat ta' inibizzjoni li kien hemm fuq il-fond. Inoltre

[7] Fol 113

l-imputat ma ġie kontradett minn ebda prova fejn huwa stqarr li l-post numru 8 kien ukoll aċċessibbli minn postijiet oħra għaliex ma kienx jinżamm maqful u kien bejt ma bejt ma' bjut oħra[8]. L-imputat dejjem ċaħad li kien hu li ħa l-mutur, kemm fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Novembru stess kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti[9]. Inoltre meta saret tfittixija fil-proprjeta' tal-appellant inklużi d-dar u ġewwa garage tiegħu ma nstabet ebda traċċa tal-mutur in kwistjoni.

**20.** Fid-dawl tal-premess, l-aktar li jista' jingħad huwa li ċ-ċirkostanzi rilevati mill-ewwel Qorti jiġġeneraw suspett, anki jekk qawwi, li l-imputat appellant seta kkommetta r-reat *de quo* iżda dan ma huwiex biżżejjed sabiex jilħaq il-grad ta' prova meħtieġ sabiex tinsab ħtija fl-imputat kif trid il-liġi u ċioe' il-grad ta' prova 'l hinn mid-dubbju dettat mir-raġuni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi rikonoxxuti mill-ġurisprudenza li in vista tagħhom ikun leġittimu u anzi doveruż li din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel qorti li wassalha sabiex issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**21.** In kwantu għat-tieni imputazzjoni ta' ħsara volontarja, mill-provi[10], inkluża l-istqarrija tal-appellant stess[11], irriżulta li l-appellant ħatt tlett filati ta' ħajt li kien inbena fuq inkarigu ta' Mons. Vella Gauci fuq il-bejt jew terrazzin in kwistjoni u din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biżżejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni milħuqa mill-ewwel qorti dwar din l-imputazzjoni anqas f'dak li jirrigwarda l-apprezzament tagħha tal-valur tal-ħsara kaġionata.

**22.** Dwar it-tielet imputazzjoni wkoll din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament u konklużjoni tal-ewwel qorti. Irriżulta ampjament li l-imputat spussessa lill-Mons. Vella Gauci

[8] Stqarrija fol 83
[9] Fol 123
[10] Depożizzjoni Carmel Attard fol. 76; depożizzjoni Mons. Vella Gauci fol. 95-96; depożizzjoni Spettur Frank Tabone fol. 110
[11] Fol 83

minn tlett filati ta' opramorta kontra l-volonta' tal-istess u dan għaliex kien jippretendi li għandu dritt bil-liġi jagħmel hekk u dan għamlu meta kien jaf ben tajjeb li messu fittex l-intervent tal-awtorita' pubblika. L-imputat jidher li qiegħed jinvoka d-difiża tal-*vim vi ripellere licet* iżda ma jirriżultax li din id-difiża qatt ġiet sollevata fl-ewwel istanza u fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li l-appellant kellu l-pusses tat-terrazzin in kwistjoni qabel Mons. Vella Gauci għamel ix-xogħlijiet li minnhom ġie spoljat b'għemil l-appellant tant li hemm pendenti kawża ċivili bejn l-imputat u l-Mons. Vella Gauci proprju fuq din il-materja.

**23.** L-appellant jissottometti li bil-proċeduri ta' llum il-parti ċivili qiegħed jipprova jieħu dritt ċivili li qiegħed taħt skrutinju quddiem il-qorti ċivili kompetenti. Dan ma hu minnu xejn. Id-delitt ta' *ragion fattasi* ma huwiex reat kontra l-proprjeta' iżda huwa reat kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-azzjoni ta llum ma hix azzjoni tal-parti ċivili iżda hi azzjoni meħuda mill-pulizija *ex officio* sabiex jiġi ripristinat l-ordni pubbliku wara li dan ġiet skossat mill-għemil tal-appellant. Dan b'ebda mod ma jintralċja l-kompetenza tal-qorti ċivili kompetenti anzi jassikura li dik il-qorti teżerċita pienament il-kompetenza tagħha li ġiet użurpata b'mod vjolent mill-appellant.

**24.** Dwar ir-raba' imputazzjoni ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' l-appellant ma ssolleva ebda aggravju speċifiku dwarha apparti dawk gia indirizzati minn din il-Qorti u għalhekk din il-Qorti ma ssibx xi żżid fir-rigward ħlief li ma ssibx raġunijiet sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni milħuqa mill-ewwel qorti dwar l-istess imputazzjoni.

Għall-motivi premessi l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn sabet lill-appellant John Vella ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok ma ssibux ħati tagħha u tilliberaħ għal kollox minnha u konsegwenzjalment tħassar ukoll l-ordni ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni u l-anċillari ordni ta' ħlas ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€575)

peress li dawn ġew imposti għall-ħtija tal-ewwel imputazzjoni liema sejbien ta' ħtija qiegħda tiġi mħassra b'din is-sentenza, u tikkonfermha fil-bqija, b' dana li l-appellant ikollu zmien xahrejn sabiex inehhi l-inkonvenjent kif ordnat fis-sentenza appellata.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur